MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 688/2013

**Stivala Operators Limited [C23860]**

**-vs-**

**Nashira Limited [C46550] u Filippo Maneri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' Nashira Limited u Filippo Maneri li, ghar-ragunijiet hemm imfissra talbu lil din il-Qorti tordna s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza **tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-18 ta' April 2013 fl-ismijiet Stivala Operators Limited v. Nashira Limited u Filippo Maneri** u dan taht kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat ir-risposta ta' Stivala Operators Limited li sostniet li t-talba ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet moghtija fl-istess twegiba.

Semghet lid-difensuri jitrattaw it-talba.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat illi in linea generali, talba ghal ritrattazzjoni ta' kawza ma twaqqafx l-ezekuzzjoni tal-istess sakemm ma jkunx hemm ordni f'dan is-sens mill-Qorti li, skont l-Art. 823 tista' tilqa' talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta' sentenza jekk tinghata garanzija mir-rikorrenti jew jigi muri lill-Qorti li l-ezekuzzjoni tohloq pregudizzju akbar milli johloq it-twaqqif.

Applikati l-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta lill-Qorti li mhux talli ma giet prezentata ebda garanzija sufficjenti, stante li l-fond immobbli ghadu suggett ghad-dejn mal-Bank, talli jidher illi jekk il-Qorti kellha tilqa' t-talba, jibdew jithallsu kredituri ohra tar-rikorrenti odjern u dan ikun kawza ta' pregudizzju akbar lill-kreditur li qed jittenta jigbor flus qabel kredituri ohra.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------